

Mistoqsija għal tweġiba orali O-000041/2017
lill-Kummissjoni (Viċi President / Rappreżentant Għoli)
Artikolu 128 tar-Regoli ta' Proċedura
Marietje Schaake
f'isem il-Grupp ALDE

Suġġett: VP/HR - Evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-Libertà tal-Espressjoni Online u Offline

Fit-12 ta' Mejju 2014 il-Kunsill Ewropew adotta l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-Libertà tal-Espressjoni Online u Offline (minn hawn 'il quddiem "il-Linji Gwida"). L-Artikolu 71 ta' dawn il-Linji Gwida jiddisponi b'mod espliċitu għal evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tagħhom wara tliet snin.

L-implimentazzjoni tal-Linji Gwida, u għaldaqstant il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertà tal-espressjoni online u offline, tagħmel użu ta' varjetà wiesgħa ta' għodod u strumenti (dwar il-politika barranija), u tinvolvi wkoll diversi istituzzjonijiet, delegazzjonijiet u missjonijiet tal-UE, kif ukoll l-awtoritajiet u l-ambaxxati tal-Istati Membri.

Minħabba dan il-għadd kbir ta' għodod u atturi, it-tweġiq ta' evalwazzjoni tal-funzjonament tal-Linji Gwida li tinvolvi l-partijiet ikkonċernati kollha huwa essenzjali sabiex tkun tista' tiġi vvalutata l-effettività tagħhom u tittiejeb l-implimentazzjoni tagħhom. Din il-ħtieġa hija jerġa' aktar enfasizzata bis-sitwazzjoni attwali li fiha ċittadini, ġurnalisti u bloggers qed ikomplu jiffaċċjaw vjolenza, detenzjoni arbitrarja, għajbien u kultant anki l-mewt, f'pajjiżi inklużi l-Bahrain, l-Eġittu, l-Arabja Sawdija, l-Iran, is-Sudan, l-Etjopja, is-Somalja, il-Bangladesh, il-Pakistan u n-Niġerja.

Barra minn hekk, l-istrumenti finanzjarji esterni tal-UE – waħda mill-għodod ewlenin li għandha għad-dispożizzjoni tagħha biex tippromwovi l-libertà tal-espressjoni, kemm online u kemm offline – huma attwalment għaddejjja mir-rieżami ta' nofs it-terminu tagħhom u se jiġu aġġornati wara l-2020.

Din it-taħlita ta' fatturi tagħmel it-tweġiq ta' evalwazzjoni tal-Linji Gwida mal-ewwel opportunità possibbli, jiġifieri f'Mejju 2017, waħda loġika jekk mhux imperattiva. Madankollu, il-korp rilevanti, il-Grupp ta' Fidma tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (COHOM), dan l-añhar espliċitament iddeċida li ma jwettaqx evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Linji Gwida.

- Għalfejn il-COHOM iddeċieda li "mhuwiex xieraq" li tiġi evalwata l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida, u liema benefiċjarji, uffiċjali eżekuttivi fuq il-post u esperti ġew ikkonsultati qabel ma wasal għal din il-konklużjoni?
- Hu l-COHOM jipprevedi xi evalwazzjoni tal-Linji Gwida fi stadju aktar tard?

Imressqa: 9.5.2017
Mgħoddija: 11.5.2017
L-iskadenza għat-tweġiba: 18.5.2017